MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta ta' l-1 ta' April, 2004

Numru. 179/2004

**Il-Pulizija**
**(Spettur Helga Debono)**
**- vs -**
**VINCENT GALEA**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **VINCENT GALEA** ta' disgha w erbghin sena bin Francis Saviour u Maria Antonia nee Attard, imwieled Rabat, Ghawdex nhar d-disgha ta' Dicembru 1953 u residenti 'Maple Leaf', Triq Santa Duminka, Victora, Ghawdex detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 69953G, billi f'isem il-Konrtollur tad-Dwana u l-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer wara tfittxija li saret fil-fond Ritz Snack Bar, Rabat, Ghawdex minn Ufficjali tad-Dwana u Pulizija nhar t-tlettax ta' Awissu 2003, instab li f'dik il-gurnata u/jew fix-xhur ta' qebel b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, xjentement kellu fil-

pussess tieghu u/jew depositat ghandu flixkun tax-xorb tal-litru tal-marka Fernet Branca u dan bil-hsieb li jiffroda lil Gvern minn dazju u taxxi li jkunu jmissu jithallsu u/jew biex jehles minn xi limitazzjoni, liema flixkun tax-xorb ghandu valur totali ta' zewg liri u tlieta w erbghin centezmu bhala dazju skond in-nota ta' qbid numru 6/ 2004 liema flixkun ghandu dazju tas-Sisa dovut ta' erbgha liri maltin u liema dazju tas-sisa ma giex imhallas u/jew kawtelat u li fuqhom kellha tithallas taxxa mposta u taxxa fuq l-valur mizjud, liema taxxa tammonta ghal sitta w disghin centezmu u hames millezmi, liema taxxa ma giet imhallsa u/jew kawtelata.

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz l-letter to prosecute tad-Dipartiment tal-VAT , l-letter to prosecute mill-Kontrollur tad-Dwana u l-fedina penali tal-imputat minn fejn jirrizulta li l-imputat nstab hati ta' numru zghir ta' kontravenzjonijiet.

Rat wkoll l-istqarrija rilaxxjata mill-imputat nhar t-tlettax ta' Ottrubru 2003.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fis-seduta tal-ewwel ta' April 2004 u ghalhekk fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandhix triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta’ l-akkuza kif dedotta kontra tieghu.

Rat l-artikoli tal-ligi u cioe` l-artikolu 80 tal-Att dwar t-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Numru XXIII tal-1998), l-artikolu 60 (a)(b)(c)(k), artikolu 62(a)(b)(c)(f)(g)(h)(i)(k); Paragrafu (a) tal-artikolu 62 tal-Ordinanza tad-Dwana Kap 37, Artikolu 16(j) u 17(a) tal-Att XVI tas-sena 1995 dwar Dazju u Sisa tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ghalhekk **fuq tali ammissjoni l-Qorti tiddikjara li qed issib lill-imputat VINCENT GALEA hati tal-akkuza kif addebitata fil-konfront tieghu u tikkundannah ghall-hlas ta' multa ta’ hamsa w ghoxrin lira Maltin (Lm25). Oltre dan tikkundannah ghal gimgha prigunerija sospiza ghal sitt xhur.**

**Inoltre tordna l-konfiska tax-xorb esebit formalment f'dawn l-atti.**

**Il-Qorti spjiegat l-import ta' din is-sentenza lil imputat u x'jigri jekk jonqos li josservha.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------